**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa, 25 ta' Ottubru, 2024**

Kawza Numru: 3/2023 (MPX)

**Andrew Charles Refalo (KI 9292G)**

**vs**

**Godwin Borg (KI 791659M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba, ipprezentat mill-attur fis-17 ta' Marzu, 2023, li permezz tieghu ppremetta kif gej:

*Illi l-attur hadem u stalla bieb ta' dar lill-konvenut;*

*Illi ghal dan il-bieb il-kovenut fadallu jhallas is-somma ta' €2,074.22, liema somma hu qed jirrifjuta li jhallas.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat minn dan it-Tribunal sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' €2,074.22.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 26/2023 tal-14 ta' Frar, 2023.*

*Bl-imghax, mid-data ta' dik l-ittra ufficjali, u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.*

Ra r-risposta tal-konvenut, ipprezentata fil-25 ta' Ottubru, 2023, li permezz taghha laqa' ghat-talbiet attrici kif gej:

It-talba attrici ghandha tigi respinta, in vista tal-fatt li hija ghal kollox infondata, kemm fattwalment kif ukoll legalment ghar-ragunijiet segwenti:

1. *Qed tigi eccepita l-privilegium fori;*
2. *Fit-tieni lok, ix-xoghol mahdum ma giex esegwit skont l-ordni maghmula;*

3. *Fit-tielet lok, ix-xoghol gie esegwit mhux skont kif titlob is-sengha u l-arti, u l-valur tar-rimedji necessarji ghandhom jitnaqqsu mill-ammont pretiz;*
4. *Fir-raba' lok, il-konvenut m'ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur, ghaliex in-negozju sar mas-socjeta` Refalo Wooworks Ltd, u ghalhekk fuq dan l-aggravju biss it-talba odjerna ghandha tigi respinta;*
5. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont li eventwalment jista' jirrizulta dovut huwa ferm inqas meta tqis id-depozitu gia` mhallas, fis-somma ta' €1,500, kontra l-"quote" originali;*
6. *B'riserva li jigu pprezentati risposti ulterjuri kif mehtieg.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li minn issa qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni, u b'riserva ghall-azzjoni ta' danni kontra l-istess attur ghal xoghlijiet rimedjali.*

Ra illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2023, kien gie verbalizzat illi l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, u cioe` dik tal-privilegium fori jehtieg li tigi trattata u deciza qabel jibdew jinstemghu l-provi fil-mertu;

Ra illi fl-istess seduta, il-legali tal-konvenut iddikjara illi fir-rigward tal-istess eccezzjoni preliminari kien sejjer jistrieh fuq dak li jirrizulta mill-atti;

Ra illi l-kawza kienet, ghalhekk, giet differita ghall-provi tal-attur fuq l-istess eccezzjoni;

Ra x-xhieda tal-attur, moghtija fl-14 ta' Frar, 2024, li permezz taghha qal hekk:

Illi huwa jahdem bhala *self-employed,* fejn jiggestixxi negozju maghruf bhala Refalo Woodworks, fejn il-workshop tieghu jinsab fix-Xewkija Industrial Estate. Jghid illi l-konvenut Godwin Borg ried kwotazzjono ghal bieb main door, liema kwotazzjoni giet mghoddija lilu, giet accettata, inghadda depozitu, u l-bieb inhadem.

Izid jghid illi l-ordni saret fl-ufficju tal-attur gewwa Ghawdex, u li d-depozitu kien thallas fl-istess ufficju fejn jahdmu. Jispjega illi qabel inzebah il-bieb, il-konvenut ried imur jarah, u fil-fatt kien mar jara kif gew gewwa l-fabbrika tal-attur, f'Ghawdex.

L-attur kompla jixhed illi x-xoghol wehel il-Mellieha, Malta. Jghid illi meta tkellmu fuq hlas, il-konvenut kien talab lill-attur itih cans gimgha u jmur ihallsu l-fabbrika. L-attur jghid illi huwa kien accetta.

Izid jghid illi imbaghad il-konvenut kien qalli li kien hemm problema fil-bieb, fejn talbu biex imur jirrangahhulu ghaliex ma kienx gie installat sewwa. Jispjega li kien rega' tela' huwa personalment ma' lavrant minn tieghu. Jispjega illi l-problema ma kinitx min-naha taghhom, imma peress li l-hajt kien antik, izda li xorta qalghuh a spejjez tal-attur u rrangawh kif suppost, biex b'hekk il-bieb gie mija fil-mija. Jghid li wara dan, il-konvenut kien qallu li kien ser jitla' xi darba Ghawdex il-gimgha ta' wara biex ikun jista' jhallas.

L-attur jikkonferma li din kienet it-tieni darba li l-konvenut kien qallu li kien ser jitla' jhallsu Ghawdex.

Jghid li izda imbaghad filghaxija, ghall-habta tat-tmienja, il-konvenut cempillu u qallu li l-bieb ma kienx sewwa, ma riedux, u qallu biex imur jaqilghu. Jirrakkonta li meta staqsieh x'kien gara, il-konvenut qallu li l-bieb ma kienx kif xtaqu hu, m'ghogbux, u li biex jinghalaq trid taghlqu bis-sieq.

Izid jghid illi jumejn wara kien rega' te;a' u rega' tella' lavrant mieghu. Jghid illi l-konvenut kien rega' qallu li l-bieb mhux hekk kien xtaqu.

Jghid illi l-lavrant li tella' mieghu dejjem kien l-istess wiehed, u li huwa Ghawdxi. L-attur jikkonferma li huwa wkoll joqghod Ghawdex.

Ra l-atti processwali kollha;

Ikkunsidra:

Illi din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, illi tghid:

> *Qed tigi eccepita l-privilegium fori.*

Is-sub-artikolu (4) ta' l-Artikolu 3 tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar jistipula li:

> *It-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'dak il-post jew f'dawk il-postijiet f'Malta u Ghawdex hekk kif il Ministru jista jistabilixxi b'ordni fil-Gazzetta u t-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r residenza ordinarja taghha.*

Dan ifisser li t-Tribunal ghandu jara li l-laqghat tieghu ghandhom jinzammu, sa fejn ikun prattikabbli, fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r residenza ordinarja taghha.

Issa f'dan il-kaz, u mill-atti processwali jirrizulta li:

(i) L-indirizz tal-konvenut, kif anke indikat fuq l-avviz tat-talba jibsab f'Malta;

(ii) Ix-xoghol mertu tat-talba gie installat f'fond li jisab il-Mellieha, Malta, kif jirizulta mix-xhieda moghtija mill-attur, u li ghaliha saret referenza iktar 'il fuq.

It-Tribunal jibda biex jaghmel referenza ghas sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ***John u Rose konjugi***

***Buhagiar vs Victor u Alfreda konjugi Cachia*** (App. Nru. 24/01/NA) deciza fil-11 ta' Lulju, 2002. Minn din is sentenza, fis-sentenza tieghu fl-ismijiet ***Uni-Que Catering Limited (C 48641) vs Island Farmhouses Limited (C 25788)***, moghtija fit-28 ta' Gunju, 2012, it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, kien estratta s-segwenti punti:

i. Kien korrett it-Tribunal meta qal li l-Att numru V ta' l 1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjment ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri;

ii. Quddiem il-qrati ordinarji hija l-ligi stess li taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew Ghawdex. Hekk per ezempju, l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddecidi pretenzjonijet kontra persuni li "joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta";

iii. Minn qari tal-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel Artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

   L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u "sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha" (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995);

iv. Il-kliem "sa fejn ikun prattikabbli" (as far as practicable fit-Test Ingliz) huwa kliem car u jhalli l kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

Sentenza ohra fuq dan il-punt kiene dik moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ***Albert Xiberras et vs Mark Sammut*** (App. Civ. Nru. 48/10/RCP) deciza fis-17 ta' Novembru, 2011, mil-liema sentenza wiehed jista' jislet li ghalkemm id-disposizzjonijiet tal-artikolu 741(c), (d), (e) u (f) u l-artikolu 767 tal-Kap. 12 ma japplikawx ghall kaz de quo fis-sens li ma jezistix dak li jissejjah bhala privilegium fori li jista jigi nvokat mill-konvenut, minn naha l-ohra l-artikolu 3(4) tal-Kap. 380 jaghti l-fakolta` lill gudikatur sabiex jiddeciedi fejn jinstema' l-kaz; jekk hux Malta jew Ghawdex, b'dan li sa fejn ikun prattikabbli t Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu fejn il-persuna jkollha r-residenza ordinarja taghha.

Dan ihalli certu grad ta' diskrezzjoni f'tali determinazzjoni f'idejn it-Tribunal, izda tali diskrezzjoni ghandha tiehu in konsiderazzjoni r-residenza tal konvenut, b'dan li fejn huwa prattikabbli, s-smiegh tal-kawza ghandu jigi determinat skond l-istess, hlief ghar-ragunijiet li jistghu jimmillitaw ghal dan, li ghandhom ikunu ragunijiet

eccezzjonali, li certament jiddependu mill-fattispecie tal kaz; izda ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel xelta u preferenza ghandha bhala regola tkun dejjem li s-sede fejn ghandha tinstema' l-kawza hija determinata fejn jirresjedi l-konvenut. Kif fuq spjegat, dan jirrizulta li jirrisjedi fil-gzira ta' Malta, u jirrizulta ultirjorment ukoll illi x-xoghol mertu ta' dawn il-proceduri, konsistenti f'bieb principali ta' residenza, gie mwahhal u installat f'fond li jinsab il-Mellieha, Malta.

Illi ghalhekk, it-Tribunal, jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kontenuta fir-risposta tieghu u susegwentement, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz minhabba r-ragunijiet fuq dedotti, qieghed jibghat l-atti ta' dan il-kaz lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex, a spejjez tal-attur, tigi assenjata u appuntata ghas-smiegh quddiem dan it Tribunal diversament ppresedut gewwa l-gzira ta' Malta.

Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

Martina Axiak
*Deputat Reġistratur*